Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn
Claire Bajada
u
Pool & Spa Supplies Co Ltd
dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hija ngusta.

Decizjoni Numru 1663

Illum, 27 ta' Jannar, 2006.

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici LL.D.

*INTRODUZZJONI*:

Illi l-appellant talbet lil dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta intimata ma saritx ghal raguni valida fil-Ligi.

*DIKJARAZZJONIJIET*:

L-appellant stqarret li kienet ilha zmien tahdem mas-socjeta intimata. Kienet il-fac totum fic-

cokon taghha. Kellha bzonn tassenti ruhha minn fuq il-post tax-xoghol. Meta ra hekk, ikkonvertiha ghal part-time u dahhal lill-Simone Miciluzzi full-time. Bi skuza li ma kellux bizzejjed xoghol sfat mkeccija mill-impjieg.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tallega li l-appellant kienet qed timrad spiss u tassenta ruhha mix-xoghol minghajr ebda pre-avviz. Kienet qed tohloq disagji mhux necessarji fuq il-post tax-xoghol. Id-direttur kien qed ikollu jhassar l-appuntamenti u jitlef ix-xoghol. Kien zmien ikrah, nuqqas ta' xoghol u ordnijiet u pagamenti. Ma setax ikompli b'dik l-manjiera. Allura giet konvinta li tigi degredata ghal part-time biex ikollha zmien ta' konvalexxenza. Pero' kien hemm necessita li tigi mpjegata persuna ohra biex tghina. Peress li baqghet tagixxi bl-istess mod u x-xoghol ma kienx imbidel, gie deciz li jigi lilha terminat ix-xoghol.

*<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>*:

Illi jirrizulta li l-partijiet qablu fuq l-eventi li taw lok ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti. Li ma kienx qbil huwa fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-istess eventi. Ma hux kontestat li l-

impjieg tal-appellant gie ridott minn wiehed full-time ghal wiehed part-time. Dana minhabba, skond is-socjeta intimata ghal ragunijiet ta' sahha. Fil-frattemp, dahlet tahdem oht il-mara tal-istess direttur biex tassisti lill-istess appellanti. Effettivament, fil-waqt li l-appellant giet degredata l-impjegata l-gdida giet promossa ghax saret full-time. Dana meta l-appellant kienet topera a one-woman show fil-hanut tas-socjeta intimata. Dana gie konfermat anki mill-istess accountant taghhom.

Illi r-ragunijiet ta' terminazzjoni kif moghtija mis-socjeta intimata huma tnejn ossia l-istat mediku tal-appellanti u n-nuqqas ta' xoghol taghha.

Jekk l-appellanti kellha xi problema medika, zgur li l-medicina idonea sabiex tfejjaq u/jew itaffi s-sintomi zgur ma kenitx tinkludi d-degradazzjoni jew aktar it-terminazzjoni. L-appellanti kellha bzonn min jifimha u jassistiha, mhux tigi trattata b'dak il-mod. Di fatti l-esperti medici li nvistawha ikkonfermaw li l-istat taghha ma kienx wiehed li jtellfilha l-attenzjoni taghha fix-xoghol. Anzi l-istess xoghol kien ta' kakibru ta' balzma. Setghet facilment tohrog on 'sick-leave' u tirritorna lura meta tkun effettivament rekuperata u dana skond l-istess ligijiet nostrali. Id-demozjoni taghha ma kenitx mistura ghaliha – aktar u aktar meta effettivament sfat imkeccija minhabba l-istat mediku taghha. Aktar u aktar meta gia kien hemm ir-rimpjazzament taghha fuq il-post tax-xoghol – li kienet membru tal-familja.

Illi t-Tribunal ma jistax jifhem dan l-atteggjament da parti tal-appellant. Huwa ferm sorprendenti n-nuqqas ta' rejazzjoni taghha fuq dan l-agir waqt li kienet ghadha impjegata mas-socjeta intimata.

Illi dwar it-tieni raguni tat-terminazzjoni, it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li hija pjuttost futili. Ma ngabet l-ebda prova biex tissostanzja u jew tikkorabora dak minnha allegat. Rinfaccjat b'dan in-nuqqas ta' sosterm ma jistax jinghata affidament ghal din ir-raguni.

Illi ma jkunx opportun li tigi ordnata re-instalment. Dwar il-kumpens mitlub l-ammonti mitluba mill-appellanti, ghalkemm jistghu jkunu dovuti, ma jistax jigi ordnat il-pagament taghhom f'dan il-forma, hemm fera ohra fejn issir din it-talba.

Ex lege it-Tribunal jista jordna pagament ta' kumpens kif ser jaghmel f'dan il-kaz. Tenut kont fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qed jiffissa l-istess kumpens fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500).

*KONKLUZJONI*:

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-appellant is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) bhala kumpens.

B'hekk din il-kwistjoni giet definitivament terminata. Drittijiet dovuti lil kontendenti legali qed jigu fissati fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

(Iffirmat) Dott. Joseph P. Bonnici, LL.D.
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju